# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex

## SEBA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 65

31 ta' Jannar, 2018

Il-Kunsilli Lokali ta' Ta' Xbiex ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Max Zammit – Sindku
Ronald Portelli – Viċi Sindku
Eugenio Muscat – Kunsillier
Frank Roe - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

Louise Cachia Castelletti – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Clayton Xuereb – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

**Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.**

## 65.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji

**65.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier L Cachia Castelletti li ma setatx tattendi l-laqgħa minħabba raġunijiet ta' saħħa. Il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza kienet għal raġuni ġustifikata u għaldaqstant m'għandux isir nuqqas fl-*allowance*.

## 65.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.

**65.2.1** Il-Minuti ġew mressqa mis-Sindku għall-approvazzjoni. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.

Il-minuti ġew approvati b'mod unanimu mill-Kunsill.

## 65.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti.

**65.3.1** Is-Sindku Max Zammit ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti, dokumenti li kienu iċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara l-Vici Sindku Ronald Portelli ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-Kunsillier E Muscat issekonda.

Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti kollha.

## 65.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

**65.4.1** Is-Sindku Max Zammit qal li l-kunsill reġa irċieva l-istedina tal-ECAD u din id-darba ser issir ġewwa l-Isvezja. Is-Sindku Max Zammit qal li dawn huma opportunitajiet importanti għal kunsill u huwa qiegħed jipproponi li jitilgħu l-Viċi Sindku R Portelli u l-kunsillier L Cachia Castelletti.

**65.4.2** Is-Sindku Max Zammit qal li hemm bżonn issir xi ħaġa fi Triq Enrico Mizzi fejn hemm Maria Court minħabba li qiegħed isir parkeġġar li qiegħed jostakola l-garaxxijiet li hemm f'dik it-triq. Huwa qal li hemm bżonn li jitwaħħlu notifiċi li juru li l-ipparkeġġar għandu jsir kif suppost.

**65.4.3** Is-Sindku Max Zammit qal li daħħallu rapport li hemm xi nies qiegħdin jitolbu li ssir *speed bump* fi Triq Giuseppi Cali. Huwa qal li għandna nistudjaw il-każ u mmexxu skond il-bżonn.

## 65.5 Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-kunsilliera.

**65.5.1** Il-Viċi Sindku R Portelli staqsa meta ħa tkun qiegħda issir ir-rampa għal-persuni b'diżabilita' biex jiżdied l-aċċess għal baħar.

Is-Sindku Max Zammit qal li fil-jiem li ġejjin ha nkunu qiegħdin nitkellmu mal-Ministeru biex nieħdu idea aħjar tad-dati.

65.5.2 Il-Viċi Sindku R Portelli staqsa jekk il-kunsill kienx magħrraf bid-data meta l-immaniġjar tat-traffiku ser jerġa kollox għal kif kien qabel saru t-tibdiliet minħabba x-xogħol li sar fil-Kappara.

Is-Sindku Max Zammit qal li fil-jiem li ġejjien ser inkunu qiegħdin niltaqgħu mal-Ministeru tat-trasport biex nkomplu nsemmgħu leħinna biex nerġgħu nagħmlu kollox għan-normal.

## 65.6 Rapporti Finanzjarji;

**65.6.1** Ma kienx hemm rapporti finanzjarji

## 65.7 Tender tal-Bulky Refuse;

**65.7.1** Is-Sindku Max Zammit qal li s-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li l-kuntratt ta' ġbir ta' skart goff ser jiskadi u għaldaqstant wasal iż-żmien biex dan joħroġ. Il-Kunsillier E Muscat qal li mat-*tender* għandna ninkludu klawżola li tgħid li f'każijiet ta' emerġenza għandu jiġbor l-iskart li jkun hemm bżonn.

Il-Kunsill qabel li it-tender jibqa fuq l-istess bażi ta' erbgħa snin ilu u mal-proposta tal-Kunsillier E Muscat.

## 65.8 Għażla tal-persuni li jaġġudikaw it-tenders;

**65.8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-kunsill irid jagħżel tlett persuni li dawn jagħżlu t-*tender document*. Wieħed irid ikun avukat, wieħed *accountant* u terza persuna li tifhem fis-suġġett. Is-Sindku ippropona li nużaw l-avukat u l-*accountant* tal-kunsill u li nappuntaw it-tielet persuna skont l-speċifikazzjonijiet tat-tenders. Fejn jidħlu *tenders* li jinvolvu skart is-Sindku ippropona lil Alfred Demanuele minħabba l-esperjenza vasta u l-karigi importanti li kellu f'dan is-settur.

## 65.9 Fondi tar-Reġjun Ċentru;

**65.9.1** Is-Sindku ippropona biex il-proġetti kapitali li saru fis-sena 2017 jinqatgħu mil-flus li ninagħtaw mir-reġjun biex b'hekk ma jonqsux mil-flus li nkunu inagħtajna mil-allokazzjoni. Il-fondi intnefqu kif gej:

**Spejjeż tal-Perit (XYZ Limited)**

Pagamenti segwenti -

2614.75 Euro - Proġett fuq Triq Abate Rigord fejn ħa jsir *embellishment* bejn il-blokok tal-gvern.
1479.93 Euro - Proġett Triq Sir Temi Zammit u Triq Pietru Pawl Debono fejn sar xogħol ta' bankini.
1672.70 Euro – Preparazzjoni għal proġett Triq Sir Temi Zammit/Triq id-Deffa fejn saru bankini.

**Total - 5767.38 Euro**

**Proġett Sir Temi Zammit u Pietru Pawl Debono -**

Sar xogħol ta' bankini f'din it-triq –

Pagamenti segwenti

Euro 1260.74 (bankini)
Euro 8028.66 (bankini)
Euro 12868.50 (bankini)

**Total - 22157.90 Euro**

**Proġett Triq id-Deffa -**

Sar xogħol ta' bankini u ġew installati *railings* tal-ħadid u ġie irranġat ħajt.

Pagamenti segwenti -

6,664.88 Euro (bankini)
1454.31 Euro (twaqqih u bini ta' ħajt)
531.00 Euro (kisi tal-ħajt)
1144.00 Euro + 1000 Euro (*railings*)

**Total 10794.19**

**Proġett ir-Rampa ta' Ta' Xbiex**

Sar xogħol ta' bankini u xogħol ta' WSC. Pagamenti segwenti -

14,843.06 Euro (bankini u xogħol ta' WSC)
1860.62 Euro (bankini)

**Total - 16703.68 Euro**

L-ammont globali li ser ikun trasferit mil-kont tar-Reġjun għal kont fejn tidħol l-allokazzjoni huwa ta' **55,423.15 Euro**

## 65.10 Business Plan għas snin 2018-2020;

**65.10.1** Is-Sindku Max Zammit ippreżenta il-*Business Plan* għas-snin 2018 sa 2020 li jinkorpora fih diversi miżuri li huma fil-ħsieb li jittieħdu fit-tlett snin li ġejjien. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-B*usiness Plan* huwa rivedibbli skont il-liġi u dan ha jkun qiegħed jiġi ppreżentat fil-laqgħa annwali li ser issir fis-27 ta' Frar 2018.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma dan il-*Business Plan*.

## 65.11 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

**65.11.1** Il-Kunsillier E Muscat qal li għandha tiġi kkunsidrata l-idea li ndawwru t-tabelli fit-tarf ta' Triq Antonio Nani. Din hija parti żgħira u tgħin l-immaniġjar tat-traffiku.

Il-Kunsill qabel ma din l-proposta.

**65.11.2** Il-Kunsillier F Roe qal li ma sarux pjanti quddiem il- *Block* D1.

Il-Kunsill qabel li dawn għandhom isiru minnufih.

**65.11.3** Il-Kunsillier E Muscat qal li hemm żewġ arbli tad-dawl quddiem l-*MIB* li m'humiex qiegħdin jaħdmu. Huwa sostna li għandna nkellmu lil *MIB* jekk huma tagħhom biex jixegħluhom peress li ż-żona qiegħda mudlama.

**65.11.4** Il-Kunsillier F Roe qal li l-ħaxix li hemm mal-balavostri kiber ħafna u għandu jinqata.

**65.11.5** Il-Kunsillier F Roe irraporta li hemm grada nieqsa li tista tkun perikoluża u li ir-responsabilita' tagħha taqa taħt *S&D yachts*.

**65.11.6** Il-Kunsillier F Roe staqsa jekk hux possibli li l-ħadid li hemm mal-baħar jinqala peress li dan qiegħed jissaddad.

**65.11.7** Il-Kunsillier E Muscat staqsa jekk il-kunsill hux bi ħsiebu joħroġ il-*magazine* tal-Kunsill.

Is-Sindku Max Zammit qal li dan dejjem kien f'moħħu imma minħabba diversi raġunijiet fosthom ta' l-ammont ta' ħin li jinvolvi dan ma baqax joħroġ.

## 65.12 Rapporti mill-Kunsilliera;

**65.12.1** Il-Viċi Sindku R Portelli u l-Kunsilliera E Muscat u F Roe irrapurtaw li l-*Global Capital* u *La Maltese* qiegħdin joħorġu l-boroż is-suwed u jitħallew għal ammont ta' ħin kbir barra.

Il-Kunsill qabel li għandna nkellmu lis-sidien biex dawn ma jħallux l-boroż barra għal tul ta' ħin.

**65.12.2** Il-Kunsillier F Roe qal li fi Triq Abate Rigord qiegħed ikun hemm ammont ta' kaxxi li qiegħdin jintefgħu fuq il-bankina.

Il-Kunsill qabel li peress li issa hemm is-sistema tas-*CCTV* għandna nivverifikaw il-*footage* biex naraw min qiegħed jitfa dan l-ammont ta' kartun.

**65.12.3** Il-Kunsillier E Muscat qal li għandna naraw li l-funtana terġa tibda tibdel il-kuluri biex nużawhom meta jkun hemm bżonn.

## 65.13 Il-laqgħa li jmiss ħa ssir it-Tlieta 27 ta' Frar, 2018 fil-5.00 ta' filgħaxija.

**65.13.1** Il-laqgħa intemmet fit-tmienja u nofs ta' filgħaxija.

**Konfermati, illum l-Erbgħa 27 ta' Frar, 2018.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Max Zammit** | **Clayton Xuereb** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |